L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

# M.A. fil-Malti

## A. Tagħrif Ġenerali

L-M.A. fil-Malti tista' ssir fil-Letteratura jew fil-Lingwistika Maltija fuq bażi full-time (tliet semestri) jew part-time (sitt semestri). Il-Bord tal-Fakultà tal-Arti jirċievi l-applikazzjonijiet għall-M.A. flimkien ma' proposta dettaljata f'Ottubru u fi Frar, imma l-applikazzjoni trid l-ewwel tgħaddi mid-Dipartiment tal-Malti u mbagħad mill-Kumitat tal-M.A., sottokumitat tal-Fakultà tal-Arti, għal rakkomandazzjoni pożittiva. Dan il-proċess jieħu ż-żmien. Għalhekk, huwa importanti li l-applikazzjoni ta' Ottubru tasal bis-sistema online fil-bidu ta' Settembru, u dik ta' Frar tasal fil-bidu ta' Jannar.

Meta tgħaddi mid-Dipartiment u mill-Kumitat tal-M.A., l-applikazzjoni trid tikseb rakkomandazzjoni pożittiva mit-tnejn li huma qabel ma tiġi rrakkomandata b'mod pożittiv mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti lis-Senat. Applikazzjoni mingħajr proposta ma tistax tiġi pproċessata.

Għall-M.A. fil-Malti jiġu kkunsidrati gradwati tal-B.A. Malti (Unuri) li jkunu ġabu First Class jew Second Class fil-klassifikazzjoni finali. Lill-gradwati b'Third Class aktarx issirilhom intervista mill-Bord. Gradwati tal-B.A. Ġenerali jkunu jridu jagħmlu sena preparatorja li matulha jiksbu minimu ta' 30 ECTS u massimu ta' 60 ECTS, skont il-każ.

## B. Il-Proposta

Qabel ma jirreġistraw għall-M.A. fil-Malti, l-applikanti jridu jressqu proposta estensiva, miktuba bi stil akkademiku xieraq għal-livell postgradwatorju, li, fost l-oħrajn, tinkludi:

- Titlu proviżorju
- L-għanijiet ewlenin tar-riċerka li se ssir
- Il-kontribut oriġinali li t-teżi se tagħti lill-qasam magħżul tar-riċerka
- Ħarsa ġenerali lejn it-testi u t-teoriji ewlenin li flimkien jiffurmaw id-diskors akkademiku tal-qasam magħżul
- Il-metodoloġija li se tiġi applikata għall-qasam tar-riċerka
- It-tqassim ġenerali tal-kapitli tat-teżi (li jista' jiġi emendat minħabba għarfien aktar rigoruż tas-suġġett miksub matul ir-riċerka)
- Biblijografija li fuqha tkun inbniet il-proposta, li turi li l-applikanti huma midħla sew tat-tema riċerkata.

Fil-proposta, l-applikanti jridu jissuġġerixxu tutur (jew tuturi) skont it-tema magħżula. Għalhekk, ikun għaqli li, qabel ma titressaq lid-Dipartiment tal-Malti, il-proposta tinbena ftit ftit ma' tutur prospettiv. Jekk it-tutur suġġerit ma jkunx lettur tal-post fid-Dipartiment tal-Malti, l-applikanti m'għandhomx jikkommettu ruħhom miegħu, għax id-Dipartiment jista' jissuġġerixxi tutur ieħor. F'kull każ, ir-rakkomandazzjoni uffiċjali tat-tutur dejjem tibqa' għażla tad-Dipartiment.

Fl-istadju li jmiss, id-Dipartiment tal-Malti jifli l-proposta u jgħaddi r-rakkomandazzjoni tiegħu. Tajjeb li l-applikanti jżommu f'moħħhom li l-għarbiel tal-proposti għall-M.A. huwa fin, u jista' jagħti l-każ li l-proposta ma tintlaqax u l-applikanti jintalbu jirreveduha, ġieli iktar minn darba.

L-applikazzjoni u l-proposta jieħdu ż-żmien għax effettivament huma parti mir-riċerka postgradwatorja. Normalment, l-applikanti għall-M.A. jieħdu ftit xhur biex jagħmlu proposta rigoruża u oriġinali.

## Ċ. Ir-Reġistrazzjoni

Fil-formola tar-reġistrazzjoni, l-applikanti jridu jniżżlu dawn it-tliet kretti, li flimkien jagħmlu 90 ECTS:

| | |
|---|---|
| MAL5099 | Dissertazzjoni \| 80 ECTS |
| ATS5201 | Methods of Research \| 5 ECTS |
| MAL5000 | Il-Metodoloġija ta’ Qasam Magħżul ta’ Riċerka \| 5 ECTS |

Il-kontenut tal-MAL5000 jiġi diskuss mat-tutur(i).

## D. Aktar Tagħrif

Ara dawn is-siti għal aktar tagħrif:

- M.A. fil-Malti full-time:
  **Master of Arts in Maltese - L-Università ta' Malta**
- M.A. fil-Malti part-time:
  **Master of Arts in Maltese - L-Università ta' Malta**
- Lista ta' korsijiet li jista’ japplika għalihom min jikseb il-B.A. Malti (Unuri): Korsijiet **Postgradwatorji għall-gradwati tal-BA Malti (Unuri)**

Id-Dipartiment tal-Malti
Il-Fakultà tal-Arti
Lulju 2020